

- konsegwentement, tiddeċiedi l-kumpens adegwat u sħiħ tad-dannu subit mir-rikorrent minħabba l-aġir illegali tal-Unjoni li jammonta għal EUR 41 074 940, flimkien mal-interessi kumpensatorji u moratorji bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tagħha ta' finanzjament mill-ġdid, miżjuda b'żewġ punti perċentwali, u b'mod provviżorju tagħti kumpens li jammonta għal EUR 1 000 000, li għandu jiġi adattat skont l-infiq u l-investiment li r-rikorrent għandu jagħmel sabiex jistabbilixxi mill-ġdid l-immaġini u r-reputazzjoni tiegħu;
- sussidjarjament, jekk jiġi kkunsidrat li l-ammont tad-dannu subit għandu jiġi evalwat mill-ġdid, tordna perizja skont l-Artikolu 65(d), l-Artikolu 66(1) u l-Artikolu 70 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, fir-rigward tal-aġir illegali li bih huwa akkużat il-Kunsill kemm fl-adozzjoni ta' miżuri ta' ffriżar ta' fondi kif ukoll fiż-żamma tagħhom mix-xahar ta' Jannar 2012, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi bbażati fuq:

- żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-involviment tar-rikorrent fil-finanzjament tar-reġim Sirjan;
- nuqqas ta' motivazzjoni suffiċjenti u preċiża tal-miżuri adottati mill-Kunsill kontra r-rikorrent;
- ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ xieraq u għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u
- difetti li jaffettwaw l-eżami mwettaq mill-Kunsill li jirrendu illegali l-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill.

Ir-rikorrent isostni li l-miżuri ta' ffriżar ta' fondi adottati mill-Kunsill jikkostitwixxu l-kawża ta' ċerti danni kemm materjali kif ukoll mhux materjali li hija subiet.

Mill-perspettiva materjali, ir-rikorrent jinvoka li subixxa telf operattiv u teknoloġiku kunsiderevoli minħabba, b'mod partikolari, it-telf ta' relazzjonijiet ta' negozju ma' bosta banek Ewropej u Għarab, it-tnaqqis drastiku tar-riżultati operattivi tiegħu u t-telf ta' ħafna assi bankarji mill-2012. Barra minn hekk, l-ex furnitur tiegħu ta' software bankarju waqqaf kull relazzjoni miegħu.

Mill-perspettiva mhux materjali, ir-rikorrent jitlob il-kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-preġudizzju għall-immaġini tiegħu minħabba l-miżuri illegali ta' ffriżar tal-fondi adottati mill-Kunsill.

### Rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2013 — Marchiani vs Il-Parlament

(Kawża T-479/13)

(2013/C 336/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Jean-Charles Marchiani (Toulon, Franza) (rappreżentant: C.-S. Marchiani, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2013;
- tannulla n-nota ta' debitu tal-5 ta' Lulju 2013;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

B'dan ir-rikors, ir-rikorrent jikkontesta d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jiġu rkuprati s-somom irċevuti mir-rikorrent bejn l-2001 u l-2004 bħala allowances ta' assistenża parlamentari.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq irregolarità fil-proċedura, peress li d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tal-4 ta' Lulju 2013 tmur kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 li timplementa l-istatut tad-deputati fil-Parlament Ewropew, kif ukoll kontra l-prinċipju tal-kontradittorju u r-rispett tad-drittijiet tad-difiża.
- (2) It-tieni motiv, ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tar-Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-membri tal-Parlament (ir-Regolament IAM).
- (3) It-tielet motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni tal-provi fil-fajl.
- (4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' imparzjalità tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew fl-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2013.
- (5) Il-ħames u s-sitt motivi, ibbażati fuq il-preskrizzjoni tas-somom li huma s-suġġett tal-irkupru.